



## Ġabra tal-ġurisprudenza

**Digriet tal-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) tat-23 ta' Jannar 2019 –**

**Prigent vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-436/18)**

“Rikors għal annullament — Twaqqif ta’ ilment — Rifjut tal-Kummissjoni li tibda proċedura għal nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu — Att li ma jistax jiġi kkontestat — Nuqqas ta’ inċidenza diretta — Inammissibbiltà”

1. *Rikors għal annullament – Atti li jistgħu jiġu kkontestati – Rifjut tal-Kummissjoni li tagħti bidu għal proċedura għal nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu – Esklużjoni*

*(Artikoli 258 u 263 TFUE)*

*(ara l-punti 10-15)*

2. *Rikors għal nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu – Dritt ta’ azzjoni tal-Kummissjoni – Eżerċizzju diskrezzjonali – Pożizzjoni proċedurali tal-lanjanti li hija differenti minn dik fil-qasam tal-kompetizzjoni*

*(Artikoli 258 u 263 TFUE)*

*(ara l-punt 16)*

### Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta’ Mejju 2018 li ma tkomplex l-ipproċessar tal-ilment tar-rikorrent intiż sabiex jiġi kkonstatat l-allegat ksur mill-awtoritajiet Franċiżi tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II).

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Claude Prigent huwa kkundannat għall-ispejjeż.